# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' April, 2025.**

**Numru 22**

**Rikors numru 518/22/2 AJD**

**Alfred Degiorgio u George Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali**
**Direttur Ġenerali tal-Aġenzija għas-Servizzi fil-Qrati,**
**u l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia,**
**Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia li ġew**
**intervenuti fil-kawża b'digriet tal-4 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti Alfred Degiorgio u George Degiorgio minn sentenza mogħtija nhar id-19 ta' April 2024 mill-Prim' Awla tal-Qorti

Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha. Permezz tas-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u s-sitt talba u *inter alia* ma sabitx ksur tad-drittijiet ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti hekk kif issalvagwardjati mill-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ma sabitx li r-rikorrenti ma ngħatawx il-possibilità u l-fakultà li jinkarigaw konsulent legali tal-fiduċja tagħhom u anqas li l-konsulenti legali mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali ġew imposti fuq ir-rikorrenti, u lanqas li l-konsulenti legali ma ngħatawx biżżejjed ħin jippreparaw għall-ġuri. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda rimedju lir-rikorrenti, bi spejjeż kontrihom.

**Daħla**

2. Ir-rikorrenti ressqu s-segwenti talbiet:

> *"i. Illi d-drittijiet tagħhom għal smigħ xieraq ser ikunu leżi u jkunu vjolati skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> *ii. Illi l-istess esponenti ma ngħatawx il-possibilita' u l-fakolita' li jinkarigaw konsulent legali tal-fiduċja tagħhom;*
>
> *iii. Illi l-konsulent legali mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali ġew imposti fuq l-istess esponenti;*
>
> *iv. Illi mingħajr preġudizzju għal dak espost fit-talba (c) l-istess konsulenti legali ma ngħatawx ħin adegwat u biżżejjed sabiex jeżaminaw ix-xhieda u d-dokumentazzjoni diġa' preżentati fl-atti proċesswali tal-proċeduri kriminali bil-ġuri u li biha l-istess konsulenti legali inkarigati mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali ma humiex*

*f’posizzjoni li jassistu u jiddefendu lill-istess esponenti bl-aħjar mod possibbli;*

*v. Illi l-ażla (sic) tal-ġurati ser tkun preġudizzjali fid-drittijiet fundamentali tal-istess esponenti;*

*vi. Illi jingħataw rimedju u/jew rimedji effettivi sabiex id-drittijiet tagħhom kif enunċjati jiġu salvagwardjati;*

*vii. Illi l-Onorabbli Qorti Kriminali fejn ser jiġi trattat il-ġuri tal-esponenti tiġi ordnata tissospendi l-proċediment tagħha sakemm dan ir-rikors jiġi trattat u deċiż finalment;*

*U dana taħt kull provvediment li jogħġobha timponi.”*

3. Dan għamluh abbażi tas-segwenti premessi:

*“a. Illi dan ir-rikors qed jiġi intavolat bil-fakolta’ tal-għajnuna legali li biha l-konsulent sottoskritt ġie assenjat l-inkarigu tiegħu sabiex jassisti l-esponenti permezz ta’ digriet mil-Onorabbli Qorti preseduta mill-Imħallef Joanne Vella Cuschieri datat 29 ta’ Settembru 2022;*

*b. Illi l-esponenti huma akkużati kriminalment bl-omiċidju tad-decuius Daphne Caruana Galizia;*

*c. Illi f’dawn l-aħħar ġimgħat l-esponenti ġew rilaxxati mill-konsulent legali tal-għażla tagħhom u minħabba dan l-eżitu l-istess esponenti intalbu sabiex jassistuhom avukat mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali. Dan peress illi l-konsulent legali tal-fiduċja tagħhom esoneraw ruħhom mill-inkarigu li ħolqot pogrom fit-tħejjija għad-difiża adegwata fil-proċeduri kriminali li kif inhu risaput għandhom portata nazzjonali u internazzjonali. Di piu, l-esponenti ma humiex koperti bil-konsulenti legali tal-għażla tagħhom li ilhom għal żmien twil jippatroċinawhom u jafu bil-każ u l-kontenut sensittiv tax-xhieda u dokumentazzjoni;*

*d. Illi minħabba dan l-esoneru, l-esponenti ma kellhomx il-fakolta’ illi jfittxu, jinkarigaw konsulenti legali oħra tal-fiduċja tagħhom, kif ukoll lanqas ma ġew mogħtija żmien raġjonevoli biex issir tali tfittxija. Din is-sitwazzjoni ġiet solvuta kontra x-xewqat tal-istess esponenti billi rrikorrew għall-Aġenzija tal-Għajnuna Legali;*
*e. Illi sussegwentement, ġew inkarigati permezz ta’ digriet datat 2 ta’ Settembru 2022 l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Avukat Martin Farrugia bħala l-Avukati mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali sabiex jassistu lill-esponenti fil-kawża kriminali tagħhom bil-ġuri;*

*f. Illi għalkemm l-istess avukati ġew nominati sabiex jassistu l-esponenti riċentement, l-istess avukati ma humiex f’posizzjoni xierqa u adegwat sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar difiża għall-istess*

*esponenti. Dana peress li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni n-natura tal-kawża in kwistjoni kif ukoll l-ammont konsiderevoli ta' madwar ħmistax-il elf (15,000) dokument u atti proċesswali li ġew preżentati. Barra minn hekk hemm ukoll files elettroniċi ta' madwar sebgħa u sebgħin elf (77,000) ekwivalenti għal madwar erba' (4) gigabits (sic) ta' informazzjoni u storage. Dan ifisser illi ż-żmien raġjonevoli biex jippreparaw id-difiża bl-aħjar mod mhux disponibbli għal dawn l-avukati l-ġodda;*

*g. Illi l-ilment tal-esponenti huwa bażat fuq il-fatt illi minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, huma qegħdin jiġu mċaħħdin mid-drittijiet fundamentali tagħhom fir-rigward is-smigħ xieraq tagħhom stante għal fatt illi l-proċedura kriminali bil-ġuri ser issir fl-4 ta' Ottubru 2022. Illi skont l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:*

> *"3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
> *(a) li jkun informat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *(c) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;"*
> *h. Illi nonostante id-drittijiet provduti mill-Konvenzjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta wkoll tipprovdi dak id-dritt fejn persuna jew persuni li jkunu akkużati b'reati kriminali għandhom il-fakolta' sabiex ikollhom smigħ xieraq u dana skont l-Artikolu 39(6)(b);*
> *i. Issir referenza għal ġurisprudenza fir-rigward dan il-għan:*
> *Fis-sentenza fl-ismijiet Gregacevic v. Kroazja (Applikazzjoni numru 58331/09) tal-10 ta' Ottubru tal-2012 (finali) Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għallmet hekk:*
>
> > *"The Court further reiterates that Article 6 § 3 (b) guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare the main trial. The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the ability to put all relevant defence arguments before the trial court and thus to influence the outcome of the proceedings (see Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 78, 20 January 2005; Connolly v. the United Kingdom (dec.), no. 27245/95, 26 June 1996; Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, Series A no. 96, § 53; and Moiseyev v. Russia, no. 62936/00, § 220, 9 October 2008). When assessing whether the accused had adequate time for the preparation of his defence, particular regard has to be had to the nature of the proceedings, as well as the complexity of the case and stage of the proceedings (see X. v. Belgium, no. 7628/76, Commission decision of 9 May 1977, Decisions and Reports (DR) 9, p. 172, and Albert and Le Compte v. Belgium, 10 February 1983, § 41, Series A no. 58)."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Huseyn and Others v Azerbaijan (Applikazzjoni numru 35485/05, 45553/05, 35680/05 and 36085/05)*

*tas-26 ta' Ottubru 2011 (finali) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għallmet hekk:*

> *"175. More specifically, all of the applicants consistently claimed that neither they nor their counsel had been given sufficient access to the prosecution evidence after the pre-trial investigation had been completed and before the trial commenced, nor had they enjoyed such access after the trial had commenced, despite their repeated complaints to that effect. The Court reiterates that the right to an adversarial trial under Article 6 § 1 of the Convention means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party. Various ways are conceivable in which national law may meet this requirement. However, whatever method is chosen, it should ensure that the other party will be aware that observations have been filed and will have a real opportunity to comment on them (see Brandstetter v. Austria, 28 August 1991, §§ 66-67, Series A no. 211). Article 6 § 3 (b) guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare the main trial. The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the possibility of putting all relevant defence arguments before the trial court and thus of influencing the outcome of the proceedings (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission report of 12 July 1984, § 53, Series A no. 96; Connolly v. the United Kingdom, no. 27245/95, Commission decision of 26 June 1996; and Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 78, 20 January 2005). The facilities which everyone charged with a criminal offence should enjoy include the opportunity to acquaint himself for the purposes of preparing his defence with the results of investigations carried out throughout the proceedings (see C.G.P. v. the Netherlands, no. 29835/96, Commission decision of 15 January 1997, and Foucher v. France, 18 March 1997, §§ 31-38, Reports 1997-II). The issue of the adequacy of the time and facilities afforded to an accused must be assessed in the light of the circumstances of each particular case.*
>
> *176. The Court observes that the prosecution's case file was rather large, consisting, inter alia, of more than 6,200 pages of documents in twenty-two volumes and video evidence recorded on twenty-two video cassettes. Examination of such a large volume of evidence by the defence inevitably required a substantial amount of time (compare Öcalan, cited above, §§ 142-47). The Government maintained that the defence had been given sufficient time to examine the case file, relying merely on the fact that each of the defence lawyers and applicants had signed a record on familiarisation with the material in the case file without making any remarks as to the inadequacy of the time and facilities afforded to them for doing so. The Court cannot accept this argument. It notes that signing a record on familiarisation with the material in the case file appears to be a procedural formality of minor legal significance, aimed at documenting the fact that the persons concerned have indeed been given access to the case file, but it does not necessarily follow from this that the signing of such a record may*

> *somehow attest in any way whether the time and facilities for such access were sufficient or may serve as an unequivocal waiver of any substantive or procedural grievances the defence may have had in connection with the process of consulting the investigation file. Moreover, the Court observes that the lawyers repeatedly complained during the criminal trial that they had not been given adequate time to examine the investigation file to a sufficient extent; some of them even complained that they had been pressured into signing records on familiarisation with material in the case file without having ever been given access to the material at all. Although the Court is not obliged to accept these allegations at face value, it nevertheless considers that the allegations should be given a considerable amount of credit because they were serious, repeatedly made and mutually concordant, and because of the apparent fact that the domestic courts avoided addressing them in any reasonable detail."*

*L-istess ħsieb jiġi kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet Nevzlin v Russia (Applikazzjoni numru 26679/08) tat-18 t'April 2022 (finali) il-Qortit Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għallmet hekk:*

> *"Lastly, the Court notes that at the preliminary hearing the trial court acknowledged this issue and tried to redress it by granting the lawyer two weeks to examine the case file. However, the Court considers that the time granted by the court was insufficient to examine a 19,000-page case file involving accusations concerning several episodes of murder and attempted murder (see Öcalan v. Turkey [GC], no. 46221/99, § 147, ECHR 2005-IV, where the Court found that two weeks given to the defence to examine 17,000 pages of the criminal case file were insufficient). The Court agrees with the applicant that out of the fourteen days granted, his lawyer had even less time, only seven and a half days, because of weekends and holidays at that time, which was insufficient to enable the lawyer to adequately assess the charges and evidence against the applicant in order to develop a viable legal strategy for his defence (see, mutatis mutandis, Vyerentsov v. Ukraine, no. 20372/11, § 76, 11 April 2013)."*
>
> *150. In view of the above, the Court concludes that the applicant's lawyer was not afforded adequate time and facilities to prepare the applicant's defence before the trial."*

*j. Illi minħabba li l-pubbliċita' kemm lokali u internazzjonali li ngħataw mhux lil dawn il-proċeduri imma għal fatti anteċedenti li taw lok għal dawn il-proċeduri. Dan ifisser li minħabba t-tul taż-żmien il-ġurati li ser jiġu magħżula ma humiex ser ikunu imparzjali u mingħajr arbitraljeta' meta jiġu biex jisimgħu u jeżaminaw ix-xhieda u dokumentazzjoni li ser tiġi prodotta fil-ġuri mingħajr ma jkun hemm garanzija li l-ġurati qatt ma semgħu b'dan il-każ. Kull ġurat ser jidħol għal dan id-dover diġa preġudikat fis-sens illi ġja jaf bil-fatti u ġja wisq probabbli jiġi sottomess bir-rispett kollu ġja wasal għall-konklużjonijiet tiegħu;*

*k. Illi l-midja lokali u internazzjonali bbumbardjaw lill-ġurati potenzjali bil-patafjum ta' programmi televiżivi, radjofoniċi, gazzetti u social media inkluż news portals. Ma tista tingħata l-ebda garanzija u wisq*

*lanqas jiġu jserrħu l-mħuħ tal-esponenti illi l-istess ġurati kkanċellaw minn moħħhom kull informazzjoni u/jew aħbar ġja riċevuta u jillimitaw ruħhom għal dawk li ser jisimgħu u/jew jaraw mad-dekors tal-proċeduri waqt il-ġuri;".*

4. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali ressqu risposta konġunta, riprodotta mis-Sentenza tal-Ewwel Qorti:

*"a. Illi l-Avukat Ġenerali ma hijiex il-leġittimu kontrtadittur sabiex twieġeb għall-ilmenti tar-rikorrenti u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*b. Illi l-azzjoni rikorrenti hija intempestiva, stante illi, sabiex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq, il-proċess ġudizzjarju għandu jiġi eżaminat fit-totalita' kollha tiegħu;*

*c. Illi r-rikorrenti m'eżawrixxewx ir-rimedji ordinarji kollha għad-disposizzjoni tagħhom, stante illi għandhom ir-rimedju ordinarju illi, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, jappellaw mis-sentena tal-Qorti Kriminali quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali;*

*d. Illi huwa l-obbligu tal-Istat illi f'każijiet bħal dawn jagħti assistenza legali b'xejn lil min ma jkollux il-mezzi finanzjarji sabiex iqabbad avukat personali, iżda dan ma jfissirx li l-Avukat imqabbad mill-Istat għandu dejjem jissodisfa l-esiġenzi tal-persuna akkużata. Mhux minnu illi r-rikorrenti ma ngħatawx il-possibilita' u żmien illi jinkarigaw konsulent legali tal-fiduċja tagħhom. L-għan li jkun hemm Avukati tal-Għajnuna Legali huwa sabiex l-Istat jiggarantixxi illi persuna akkużata jkollha proċess ġust u xieraq bil-garanziji proċedurali kollha salvagwardjati, u kien għalhekk illi l-Qorti Kriminali "imponiet" Avukati tal-Għajnuna Legali;*

*e. Illi r-rikorrenti ilhom żmien konsiderevoli jafu illi ħa jsir il-ġuri, u kellhom aktar minn għoxrin ġurnata biex jippreparaw id-difiża tagħhom, għalhekk kwalunkwe allegazzjoni li l-avukati tagħhom ma kellhomx żmien jippreparaw hija infondata u mhux ġustifikata;*

*f. Illi dwar il-pre-trial publicity illi kellu l-omċidju ta' Daphne Caruana Galizia u l-preġudizzju li jistgħu jsofru r-rikorrenti minħabba l-istess, ir-rikorrent Alfred Degiorgio gia fetaħ kawża kostituzzjonali oħra;*
*g. Illi tħares minn fejn tħares ma sar xejn fil-proċess kriminali li b'xi mod jista' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti għall-proċess ġust u wisq inqas ma sar xi indħil, interferenza jew pressjoni fuq min ser jiddeċiedi l-kawża kriminali;".*

5. Il-konvenut Direttur Ġenerali tal-Aġenzija għas-Servizzi fil-Qrati (proprjament intitolat il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi fil-Qrati) ressqet risposta fejn fost diversi eċċezzjonijiet saħqet li mhijiex il-leġittimu kontradittur.

6. Permezz ta' rikors datat it-3 ta' Ottubru 2022, l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia talbu sabiex jintervjenu fil-proċeduri odjerni u jiġu awtorizzati jippreżentaw risposta għar-rikors promotur. Din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti permezz ta' digriet tal-4 ta' Ottubru 2022, u konsegwentement ġiet imressqa s-segwenti risposta, riprodotta mis-Sentenza tal-Ewwel Qorti:

> *"a. Il-lanjanzi tar-rikorrenti huma intempestivi, għaliex lanjanzi bħal dawn jistgħu jiġu sindikati biss mill-Qorti fid-dawl tal-proċeduri fl-intier tagħhom, u cioe wara l-għeluq definittiv tal-proċeduri penali;*
>
> *b. Id-dritt ta' akkużat li jkun assistit minn avukat tal-għażla tiegħu m'huwiex dritt assolut: il-qrati jistgħu jinnegaw dik l-għażla tal-akkużat fejn hemm raġunijiet relevanti u suffiċjenti li juru li dan huwa neċessarju fl-interess tal-ġustizzja. Kien dmir u obbligu tal-Qorti Kriminali illi taħtar lir-rikorrenti avukat tal-għajnuna legali la l-akkużati ma sabux avukat tal-għażla tagħhom;*
>
> *c. Ir-rikorrenti kellhom jippruvaw li n-nuqqasijiet allegati minnhom waslu għal ċaħda ta' 'the overall fairness of the proceedings'. Id-dritt tal-akkużati għal faċilitajiet sabiex iħejju d-difiża tagħhom jitlob li din il-kwistjoni tiġi sindakata minn żewġ aspetti: jekk ingħatawx faċilitajiet u jekk ingħatawx żmien. Dawn l-aspetti mbagħad iridu jiġu meqjusa fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u cioe fir-rigward tan-natura tal-proċeduri, kumplessita', u l-istadju tal-proċess;*
>
> *d. Ir-rikorrenti għandhom rimedji ordinarju, stante illi matul il-kors tal-proċeduri jistgħu jitolbu lill-Qorti tagħti direzzjonijiet, ordnijiet u direttivi ta' kif għandu jitmexxa l-proċess sabiex tassigura illi jkun hemm proċess xieraq;*

*e. Fir-rigward tal-ilment dwar l-effett tal-midja fuq il-ġurati, dan l-ilment diġa qed jiġi indirizzat f'kawża Kostituzzjonali oħra. In oltre, r-rikorrenti m'eżawrixxewx rimedji ordinarji għaliex ma ressqux talbiet quddiem il-Qrati penali sabiex ikun hemm projbizzjoni fuq rapporti mill-midja, u l-ilment tagħhom huwa intempestiv stante illi l-imparzjalita' o meno tal-ġurati tista' tiġi sindikata minn qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali wara li jintemm il-proċess penali kollu, mhux qabel. Jinkombi wkoll fuq ir-rikorrenti li jippruvaw in-ness bejn il-pubbliċita' u l-preġudizzju allegat, u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-każistika sabiex rappurtaġġ ikun preġudizzjali tali li jwassal għal nuqqas ta' smigħ xieraq. Finalment, l-Imħallef u l-ġurati huma preżunti imparzjali, u m'hemmx prova għall-kuntrarju."*

7. Saret talba mir-rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura provviżorja *ossia interim measure* sabiex jiġi sospiż il-ġuri fil-konfront tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali, kif magħmula mir-rikorrenti permezz ta' rikors urġenti datat l-4 ta' Ottubru 2022. L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba nhar il-11 ta' Ottubru 2022. Tressaq appell mir-rikorrenti li kien ċedut nhar l-24 ta' Ottubru 2022.

8. L-Ewwel Qorti tat sentenza finali nhar id-19 ta' April 2024 fejn iddeċidiet is-segwenti:

*"i. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, erronjament indikata fl-okkju tal-kawża bħala Direttur Ġenerali tal-Aġenzija għas-Servizzi fil-Qrati, u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*ii. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali;*

*iii. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti u l-intervenuti fil-kawża in kwantu mhux kompatibbli ma' din is-sentenza;*

*iv. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba tar-rikorrenti stante illi ġiet irtirata;*

*v. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba tar-rikorrenti stante illi ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;*

*vi. Tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt talbiet rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.*"

9. Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati mis-Sentenza tal-Ewwel Qorti u ressqu appell nhar id-9 ta' Mejju 2024. L-intervenuti fil-kawża ressqu risposta nhar it-23 ta' Mejju 2024 u l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali ressqu risposta konġunta nhar is-27 ta' Mejju 2024.

**Fatti**

10. Is-segwenti, hekk kif miġbura mill-Ewwel Qorti, huma l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna:

> *"30. Fit-tieni lok, jirriżulta mill-atti illi dak illi wassal għall-kawża odjerna kienu s-segwenti fatti:*
>
> *• Fil-proċeduri kriminali bl-att t'akkuża 7/2019 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degiorgio et, ir-rikorrenti kienu qed jiġu ppatroċinati mill-Avukat Dr William Curschieri;*
>
> *• Permezz ta' nota ppreżentata nhar id-dsatax (19) t'Awwissu 2022, Dr Cuschieri informa lill-Qorti Kriminali illi huwa kien qiegħed jirrinunzja għall-patroċinju tar-rikorrenti;*
>
> *• Il-Qorti Kriminali appuntat smigħ b'urġenza għall-erbgħa u għoxrin (24) t'Awwissu 2022, illi fiha "l-akkużati għandhom jiddikjaraw min ser ikun l-avukat li ser jippatroċinahom fil-ġuri li se jibda fil-05 ta' Settembru 2022". Il-Qorti ordnat ukoll fl-istess digriet illi jattendi l-Avukat tal-Għajnuna Legali addett fl-Aġenzija tal-Għajnuna Legali li jieħu ħsieb il-ġurijiet;*
>
> *• Waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) t'Awwissu 2022, ir-rikorrenti informaw lill-Qorti Kriminali illi kienu qed isibu diffikulta' sabiex jinkarigaw avukat ta' fiduċja tagħhom, billi għalkemm ikkomunikaw ma' diversi avukati, kienu għadhom ma sabux avukat li lest jaċċetta l-inkarigu. Il-Qorti tat żmien sas-sitta u għoxrin (26) t'Awwissu 2022 sabiex l-akkużati jiddikjaraw finalment jekk*

*irnexxilhomx isibu avukat tal-fiduċja tagħhom biex jirrappreżentahom. Il-Qorti Kriminali għamlitha ċara illi, fin-nuqqas, hija kienet ser taħtar avukat hi stess sabiex jassistihom;*

*• Waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'Awwissu 2022, ir-rikorrenti informaw lill-Qorti Kriminali li x'aktarx sabu avukat ta' fiduċja tagħhom li jista' jirrappreżentahom, iżda ma kinux ċerti li dan l-avukat kien lest li jaħdmilhom. Il-Qorti ddiferiet il-kawża għall-aħħar darba għall-wieħed u tletin (31) t'Awwissu 2022, bil-kundizzjoni ili jekk l-akkużati jinformaw lill-Qorti li għadhom ma sabux avukat biex jassistihom, il-Qorti kienet ser taħtar avukati tal-Għajnuna Legali sabiex jassistuhom;*

*• Waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) t'Awwissu 2022, ir-rikorrenti informaw lill-Qorti li kellhom diffikolta' biex iqabbdu avukat tal-għażla tagħhom, u li għalkemm avviċinaw diversi avukati sabiex jassistuhom fil-ġuri, ħadd ma ried jaċċetta dan l-inkarigu. Il-Qorti għalhekk ħatret hija stess lil Dr Simon Micallef Stafrace sabiex jassisti lir-rikorrenti fil-ġuri, u ordnat lill-Kap tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali sabiex jaħtar avukat ieħor biex jassisti lir-rikorrenti fi żmien jumejn mid-data tas-seduta. Ir-rikorrenti ddikjaraw illi xorta kienu qed jinsistu illi jkollhom avukat tal-għażla tagħhom, u li ma kinux disposti illi jikkomunikaw mal-avukat maħtur mill-Qorti. Il-kawża ġiet differita għall-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022 għall-ġuri;*

*• Nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022, il-Qorti Kriminali ġiet informata illi r-rikorrent Alfred Degiorgio ma kienx f'kundizzjoni ta' saħħa medika tajba, stante illi kien għamel strajk tal-ġuħ. Dan wara illi ħatret esperti mediċi sabiex jirrelatawlha f'dan ir-rigward. Għaldaqstant iddiferixxiet il-ġuri għall-erbatax (14) ta' Ottubru 2022;*

*• Waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Ottubru 2022, ir-rikorrenti ammettew għall-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom;".*

11. Waqt il-mori ta' din il-kawża, li tressqet nhar it-3 ta' Ottubru 2022, seħħew fatti oħra, riprodotti hawn mis-sentenza tal-Ewwel Qorti:

*"29. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tħoss illi għandha tibda billi tagħmel xi osservazzjonijiet dwar andamenti illi seħħew fil-mori tal-kawża odjerna:*

*a. Ir-rikorrenti ammettew għall-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom quddiem il-Qorti Kriminali nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru 2022, fl-att t'akkuża 7/2019;*

*b. Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, liema appell ġie deċiż b'mod finali nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta'*

*Novembru 2023. Il-Qorti tal-Appelli Kriminali ċaħdet l-appell tar-rikorrenti fl-intier tiegħu;*

*c. Ir-rikorrenti rtiraw il-ħames (5) talba tagħhom fir-rikors promotur, u cioe dik it-talba illi permezz tagħha talbu lil din il-Qorti tiddikjara illi l-għażla tal-ġurati kienet ser tkun preġudizzjali fid-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;*

*d. Ngħata provvediment dwar is-seba' (7) talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur, u cioe dik it-talba illi permezz tagħha r-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-proċediment quddiem il-Qorti Kriminali sakemm dan ir-rikors jiġi trattat u deċiż finalment;*

*e. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fil-proċeduri odjerni, l-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali ssottomettew illi peress illi l-proċeduri penali in kwestjoni fil-konfront tar-rikorrenti ġew konklużi finalment fil-mori ta' dawn il-proċeduri, huma ma kinux qed jinsistu dwar l-eċċezzjoni tagħhom li tirrigwarda l-intempestivita' tal-proċeduri u l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas t'eżawriment ta' rimedji ordinarji;"*

## Konsiderazzjonijiet Legali

12. Permezz **tal-ewwel aggravju tagħhom ir-rikorrenti appellanti** jilmentaw illi huma jinsabu aggravati mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx l-ewwel u s-sitt talba tagħhom a bażi ta' dak li ntalab fit-tieni talba tagħhom. Jisħqu li d-dritt li kull akkużat jagħżel avukat tal-fiduċja tiegħu joħroġ mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 paragrafu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jisħqu li dan id-dritt joħroġ ċar mill-każ Bonzi v. Switzerland deċiż mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Lulju 1978 liema insenjament kien ikkonfermat fil-kawża Kröcher and Möller v. Switzerland deċiż mill-Kummissjoni Ewropea nhar id-9 ta' Lulju 1981.

13. Jargumentaw li huwa minnu li kif qalet l-Ewwel Qorti huma ngħataw żmien isibu avukat jew avukati ta' fiduċja tagħhom biex jirrimpjazzaw lill-avukat William Cuschieri, però dan iż-żmien kien ta' ftit ġranet biss. Jgħidu li meta kienu qed jikkonsultaw ma diversi avukati, il-Qorti (Kriminali) kienet għadha bit-tir li tiċċelebra l-ġuri fil-5 ta' Settembru 2022, jiġifieri fi żmien ġimgħatejn jew tlieta. Ifisser li huma ngħataw fakultà jinkarigaw avukati alternattivi iżda li kellhom biss ftit jiem jistudjaw volumi kontra volumi ta' evidenza li ġiet prodotta fuq medda ta' erba' snin u li din kienet ekwivalenti għal ċaħda milli jkunu assistiti minn avukat tal-fiduċja tagħhom. Jgħidu li l-Ewwel Qorti strieħet fuq id-data tal-14 ta' Ottubru 2022 bħala l-jum li fih ġie ċċelebrat il-ġuri, u li kien għadda żmien biżżejjed biex wieħed jipprepara ruħu għalih. Madankollu l-avukati li kienu qed jikkonsultaw ir-rikorrenti kellhom quddiemhom id-data tal-5 ta' Settembru 2022. Iż-żewġ differimenti għall-4 ta' Ottubru 2022 u għall-14 ta' Ottubru 2022 ġew wara li kienu diġà ġew appuntati l-avukati tal-Għajnuna Legali.

14. Permezz **tat-tieni aggravju** l-appellanti jilmentaw miċ-ċaħda tal-Ewwel Qorti li tilqa' l-ewwel u s-sitt talba a bażi tad-dikjarazzjoni mitluba fit-tielet talba. Jargumentaw li filwaqt li l-ewwel aggravju jfisser li r-rikorrenti ma ngħatawx żmien biżżejjed biex isibu avukat ta' fiduċja tagħhom li jkollu żmien biżżejjed biex jipprepara ruħu adegwatament għaċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, dan l-aggravju huwa lment mill-fatt li l-avukati tal-għajnuna legali ġew imposti fuq ir-rikorrenti biex in teorija r-rikorrenti

jkunu jidhru li kellhom difiża però fil-prattika din kienet difiża finta. Jisħqu li l-provvediment tal-liġi li jippermetti lill-Qorti tappunta avukat tal-Għajnuna Legali f'każ li l-akkużat ma jsibx avukat biex jiddefendih mhuwiex intiż li jkopri każ fejn l-akkużat ikun tenut isib avukat li f'termini ta' żmien tant qasir jkun kapaċi jagħmel il-mirakli. Huwa intiż li jkopri sitwazzjonijiet fejn l-akkużat, minkejja li jingħata żmien adegwat biex ifittex u jingaġġa avukat tal-fiduċja tiegħu, ma jsib ebda avukat li jkun irid jagħmel dan. Ir-rikorrenti kienu ngħataw biss ftit ġranet biex isibu avukat alternattiv ta' fiduċja tagħhom però l-akbar problema baqgħet li kwalunkwe avukat li kien ser jaċċetta l-inkarigu kien ser ikun mistenni minnu l-mirakli, li jipprepara difiża ta' ġuri massiv fi ftit jiem u ċjoè sal-5 ta' Settembru 2022! Il-fatt li l-Qorti Kriminali ma kinitx disposta tipposponi ċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri għal żmien li jkun suffiċjenti biex avukat ikun jista' jieħu konjizzjoni tal-evidenza mressqa sa dak l-istadju u jipprepara difiża adegwata, kienet qed toħloq ċirku vizzjuż li bih l-akkużati ma setgħux isibu avukat li jieħu r-responsabbiltà ta' ġuri ta' ċerta portata bi preparazzjoni ta' ftit ġimgħat jew addirittura jiem. Anke kieku l-akkużati sabu avukat tal-fiduċja tagħhom li kien dispost jassistihom fil-ġuri, iż-żmien qasir neċessarjament kellu jwassal li ebda avukat ma kien se jkun possibbli għalih li jipprepara difiża tajba.

15. Huma ddikjaraw li l-avukati tal-Għajnuna Legali mhumiex avukati ta' fiduċja tagħhom u kien għalhekk ukoll li Alfred Degiorgio beda strajk

tal-ġuħ. U jekk ebda avukat ma beda jaraha umanament possibbli li jipprepara għal dan il-ġuri partikolari fi ftit jiem, kif setgħu l-avukati tal-Għajnuna Legali jagħmlu dan il-miraklu. L-avukati tal-Għajnuna Legali, minkejja li ġew vantaġġjati b'żewġ differimenti, xorta spiċċaw iddikjaraw li kien umanament impossibbli li jippreparaw ruħhom għal dan il-ġuri u li indirettament riedu jgħidu li ma kinux preparati għal dan il-ġuri. Jistaqsu x'kien l-iskop li tappunta lil dawn l-avukati, dan biex sempliċiment fuq il-karta jkun hemm miktub li l-akkużati kellhom avukati jassistuhom. Isaqsu jekk l-avukati tal-għajnuna legali setgħux verament jassistuhom meta kien umanament impossibbli għalihom li jieħdu konjizzjoni tal-atti anke fil-jum li beda jiġi ċċelebrat il-ġuri. Jargumentaw li l-impożizzjoni tal-avukati tal-għajnuna legali fiċ-ċirkostanzi partikolari msemmija kienet ekwivalenti li l-imputati jitħallew bla assistenza legali.

16. **L-intervenuti fil-kawża jwieġbu** li l-aggravji jridu jiġu kkunsidrati fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ u mhux f'vakum. Fost iċ-ċirkostanzi hemm il-fatt li l-eżitu tal-proċeduri kriminali li nżammu quddiem il-Qorti Kriminal kien wieħed li jirrappreżenta l-inizjattiva tal-appellanti stess, u li din l-inizjattiva kienet bdiet meta huma kienu għadhom ippatroċinati mill-avukat tal-fiduċja tagħhom. Filwaqt li huma jargumentaw li ġew imposti fuqhom avukati tal-għajnuna legali u ma ngħatawx żmien isibu avukat huma stess, dawn l-avukati ma kellhomx biżżejjed żmien biex jippreparaw difiża. Fl-istess ħin huwa fatt li l-

appellanti ħadu l-eżitu li kien beda jfassal u jwettaq l-Avukat Cuschieri (li kien l-avukat tal-fiduċja tagħhom) qabel ma rrinunzja l-patroċinju. Li l-appellanti għalqu l-proċess kriminali b'patteġġjament li kien diġà l-istrateġija li huma *tramite* l-avukat tal-għażla tagħhom kienu diġà qiegħdin jipproponu jindika biċ-ċar mhux biss li l-appellanti ma sofrew l-ebda preġudizzju għad-difiża tagħhom iżda wkoll li l-avukati maħtura għad-difiża tagħhom komplew iwettqu l-istrateġija legali li l-appellanti kienu diġà approvaw u fasslu mal-avukat tal-fiduċja tagħhom.

17. Jisħqu li r-rikorrenti kienu jafu li l-Avukat Cuschieri ma kienx se jibqa' jippatroċinahom sa mill-anqas mid-19 ta' Awwissu 2022 u ċjoè d-data meta l-istess avukat informa lill-Qorti Kriminali bir-rinunzja tiegħu. Bejn din id-data u l-31 ta' Awwissu 2022, il-ġurnata meta l-Qorti Kriminali ħatret lilhom avukati tal-għajnuna legali, laħqu għaddew tnax-il ġurnata fejn fuq l-ammissjoni tal-appellanti stess, quddiem dik il-qorti, huma kkomunikaw ma diversi avukati. Minkejja li huma ddikjaraw dan lil Qorti Kriminal fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2022, dik il-Qorti ma qabditx u għaddiet sabiex taħtrilhom avukati tal-uffiċċju tal-għajnuna legali iżda reġgħet tawlitilhom iż-żmien sabiex ikomplu javviċinaw avukati tal-għażla tagħhom. Jargumentaw li dan juri li dik il-Qorti ma ħaditx deċiżjoni arbitrarja meta ħatret lill-avukati tal-għajnuna legali, iżda kienet aċċertat ruħha li l-appellanti kellhom opportunità jitkellmu ma diversi avukati.

18. Ikomplu li d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li taħtrilhom avukati sabiex jassistuhom kienet imsejsa fuq raġunijiet suffiċjenti u relevanti. Il-Qorti kienet marbuta tassigura li l-appellanti jkollhom assistenza legali u li jiġi determinat il-proċess tagħhom fi żmien raġonevoli sabiex huma jingħataw smigħ xieraq. Il-Qorti kienet tonqos mir-responsabbiltajiet tagħha fl-ambitu tad-dritt għal smigħ xieraq li kieku baqgħet ittawwal il-proċess u tħalli lill-appellanti mingħajr assistenza legali.

19. Ikomplu li l-appellanti ngħataw opportunità effettiva sabiex ifittxu jaħtru avukat tal-fiduċja tagħhom, iżda wkoll bil-ħatra tal-avukati mill-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali ġie mħares id-dritt għas-smigħ xieraq. Hekk kif kien diġà ġie sottomess mill-esponenti fir-risposta tagħhom quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, id-dritt għall-avukat tal-għażla tagħhom ma huwiex assolut u għandu jiġi mħaddem fl-ambitu sħiħ tad-dritt għal smigħ xieraq b'mod fejn l-akkużat ma jsibx avukat tal-fiduċja lest biex jassistih, trid tkun il-Qorti li tassigura l-għoti ta' dik l-assistenza legali. Id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, hija ċara u msejsa ukoll fuq il-każistika stabbilita tal-Qorti Ewropea relevanti għal dan il-każ. Dik id-deċiżjoni qieset ukoll il-prinċipji enunċjati minn dik il-Qorti u applikathom sew għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

20. **L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali** jwieġbu li l-Qorti ta' Strasburgu esprimiet ruħha diversi drabi dwar din il-materja u jagħmlu

referenza għal dak li hemm fil-*Guide to Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (Criminal Limb)*. Jagħmlu referenza għall-kawża Twalib v. Greece deċiża mill-Qorti Ewropea nhar id-9 ta' Ġunju 1998. Jisħqu li bħala *punto di partenza*, l-appellanti kienu jafu bl-appuntament tal-ġuri fit-8 ta' Lulju 2022 u ċjoè meta dakinhar il-Qorti Kriminali appuntat is-smigħ għal-5 ta' Settembru 2022. Dak iż-żmien l-avukat li kien qiegħed jippatroċinja lill-appellati kien Dr William Cuschieri, jisħqu ġaladarba l-appellanti kienu jafu għal meta ġie appuntat il-ġuri, kellhom jassiguraw ruħhom li kwalsiasi avukat ta' fiduċja li riedu kien ukoll lest li jaħdmilhom u jassistihom fil-ġuri. Minflok ġara li fid-19 ta' Awwissu 2022, l-Avukat Cuschieri, ppreżenta nota li biha nforma lil Qorti Kriminali li kien qed jirrinunzja għall-patroċinju tal-appellanti. Jagħmlu referenza għall-dak li qalet l-Ewwel Qorti u l-Qorti Kriminali fuq din il-kwistjoni u li l-Qorti Kriminali stess ikkunsidrat li meta wieħed iqis il-liġijiet u l-ġurisprudenza inkluż dik ta' Strasburgu u l-*overall fairness* tal-proċeduri fit-totalità tagħhom, m'hemm xejn li b'xi mod itappan dak li ġara fil-kawża kriminali in diżamina.

21. Jisħqu li ż-żmien għat-tħejjija tad-difiża ma jiġix stabbilit mill-akkużat jew mill-avukati tiegħu iżda mill-liġi u mill-Qrati. L-esponenti jagħmlu referenza għall-Artikolu 438 (6) tal-Kapitolu 9 li jistabbilixxi kemm żmien għandu jkollu akkużat biex jipprepara d-difiża tiegħu, liema terminu jista' jiġi estiż mill-Qorti Kriminali. Fil-każ in diżamina r-rikorrenti kellhom

id-doppju sabiex jippreparaw id-difiża tagħhom u jsibu avukat tal-fiduċja tagħhom. Jagħmlu referenza għall-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2022 quddiem il-Qorti Kriminali.

22. Jenfasizzaw li fil-mori ta' smigħ ta' din il-kawża, beda l-ġuri u l-appellanti ammettew l-akkużi kontra tagħhom u dan ifisser li huma rrikonoxxew li huma ħatja tar-reati li ġew akkużati li wettqu u allura ma kienx hemm aktar il-ħtieġa li jressqu d-difiża tagħhom quddiem il-ġurati. L-appellanti nstabu ħatja mill-Qorti Kriminali għaliex huma stess ammettew għall-akkużi fl-14 ta' Ottubru 2022 fl-att tal-akkuża 7/2019. La l-appellanti, minn jeddhom, ammettew il-ħtija tagħhom, huma kienu qed jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni tagħhom u fl-istess ħin irrimettew ruħhom għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti setgħet tasal għaliha u dan b'referenza għall-kawża l-Pulizija v. Joseph Scerri, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-22 ta' Novembru 2007. Jisħqu li skont il-massimu Latin, *confessus pro indicato est, qui quodammodo sua sententia damnatur* u ċjoè, min jammetti l-ħtija tiegħu quddiem qorti huwa stess ikun qed jikkundanna lilu nnifsu u fl-istess waqt jiddetta s-sentenza tiegħu. Saħansitra f'dan il-każ sar ftehim bejn l-Avukat Ġenerali u r-rikorrenti dwar patteġġjament tal-piena u dan sar b'rikors konġuntiv li ġie ppreżentat fil-proċess kriminali. Kien hemm qbil fuq kollox bejn il-partijiet.

23. Jargumenta li l-ammissjoni u l-patteġġjament volontarju min-naħa tal-appellanti jinnewtralizza u jġib fix-xejn kwalunkwe ilment li seta' kellhom għaliex allegatament ma kellhomx biżżejjed żmien biex jippreparaw difiża. Konsegwentement, il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti hi korretta.

24. **L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti fuq l-ewwel żewġ aggravji mressqa:**

> "*B. Il-Mertu tar-Rikors Odjern*
>
> *L-Artikolu 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea*
>
> *37. L-Artikolu 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:*
>
> *(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
> *[...]*
> *(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *[...]*
>
> *38. L-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid kif isegwi:*
>
> *3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
> *(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
> *(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*
>
> *39. Meta wieħed jikkompara għalhekk iż-żewġ provvedimenti fil-liġi, jirriżulta b'mod evidenti illi l-prinċipji garantiti fl-Artikolu 39 tal-*

*Kostituzzjoni ta' Malta huma, piu o meno, l-istess prinċipji garantiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, tant illi l-Artikolu 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi tiegħu qed jallegaw vjolazzjoni r-rikorrenti huwa identiku, kelma b'kelma, għall-Artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea. Infatti, Qrati nostrana jagħmlu di solito referenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tagħhom tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*40. Harris, O'Boyle u Warbrick, fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention of Human Rights, jispjegaw:*

> *"The application of Article 6 has presented the Court, and formerly the Commission, with various problems. A delicate question is the closeness with which it should monitor the functioning of national courts. The Court has studiously and properly followed the 'fourth instance' doctrine', according to which, as the Court regularly states, 'it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention'. The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording generally suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors of fact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees in Article 6: it does not intervene under Article 6 because they affect the 'fairness' of the national court decision on its merits. However, this last statement must be read subjejct to a limitation that is to be found in some recent Courrt jurisprudence to the effect that there may be a breach of Article 6 where a national court decision on the merits has been 'arbitrary or manifestly unreasonable'.*
> *[...]*
> *The Court also allows states a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate, for example in the rules of evidence that they use. A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of result as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial."*

*41. In oltre, imbagħad, speċifikament dwar l-Artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea, ġie ritenut f'Can v. Austria:*

> *"53. In order to determine whether or not the particular restrictions imposed on the applicant in the present case were in conformity with the Convention, the Commission has first considered the case in the light of Art 6 (3)(b). This provision guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare the main trial (cf. the French text of this provision). The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the possibility to put all relevant defence arguments*

*before the trial court, and thus to influence the outcome of the proceedings. The provision is violated only if this is made impossible."*

*42. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina l-ilmenti tar-rikorrenti. Peress illi, min-natura tagħhom, l-ewwel żewġ ilmenti jirrigwardaw prattikament l-istess mertu, din il-Qorti sejra tittrattahom flimkien.*

*➢ Dwar il-Possibilita' u l-Fakolta' li jinkarigaw Konsulent Legali tal-Fiduċja tagħhom, u dwar il-Fatt illi Konsulent Legali tal-Għajnuna Legali ġie "impost" fuq ir-Rikorrenti*

*43. Ir-rikorrenti jikkontendu illi huma ma ngħatawx il-possibilta' u l-fakolta' li jinkarigaw konsulent legali tal-fiduċja tagħhom, u li l-konsulenti legali tagħhom ġew imposti fuqhom mill-Qorti Kriminali;*

*44. Ġie ritenut f'Poitrimol v. France, "Although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial." In oltre, f'Mayzit v. Russia, il-Qorti Ewropea spjegat ukoll:*

*"66. Notwithstanding the importance of a relationship of confidence between lawyer and client, the right to choose one's own counsel cannot be considered to be absolute. It is necessarily subject to certain limitations where free legal aid is concerned and also where it is for the courts to decide whether the interests of justice require that the accused be defended by counsel appointed by them. When appointing defence counsel the national courts must certainly have regard to the defendant's wishes. However, they can override those wishes when there are relevant and sufficient grounds for holding that this is necessary in the interests of justice (see Croissant v. Germany, judgment of 25 September 1992, Series A no. 237-B, § 29)."*

*L-istess ġie rilevat ukoll f'Dvorski v. Croatia:*

*"In contrast to the cases involving denial of access, the more lenient requirement of "relevant and sufficient" reasons has been applied in situations raising the less serious issue of "denial of choice". In such cases the Court's task will be to assess whether, in the light of the proceedings as a whole, the rights of the defence have been "adversely affected" to such an extent as to undermine their overall fairness (see, for example, Croissant, cited above, § 31; Klimentyev, cited above, §§ 117-18; and Martin, cited above, §§ 96-97).*

*82. It is the latter test which is to be applied in the present case. Against the above background, the Court considers that the first step should be to assess whether it has been demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were relevant and sufficient grounds for overriding or obstructing the defendant's wish as*

*to his or her choice of legal representation. Where no such reasons exist, the Court should proceed to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. In making its assessment, the Court may have regard to a variety of factors, including the nature of the proceedings and the application of certain professional requirements (see Meftah and Others, cited above, §§ 45-48, and Martin, cited above, § 90); the circumstances surrounding the designation of counsel and the existence of opportunities for challenging this (ibid., §§ 90-97); the effectiveness of counsel's assistance (see Croissant, cited above § 31, and Vitan, cited above, §§ 58-64); whether the accused's privilege against self-incrimination has been respected (see Martin, cited above, § 90); the accused's age (ibid., § 92); and the trial court's use of any statements given by the accused at the material time (see, for example, Croissant, cited above, § 31; Klimentyev, cited above, §§ 117-18; and Martin, cited above, §§ 94-95).*"

*45. Fil-każ odjern, il-Qorti Kriminali:*

*a. appuntat is-smigħ b'urġenza tal-kawża b'att t'akkuża 7/2019 hekk kif ġiet informata illi l-avukat ta' fiduċja tar-rikorrenti kien irrinunzja għall-patroċinju tagħhom, b'ordni lir-rikorrenti sabiex jiddikjaraw fl-istess seduta min ser ikun l-avukat li jippatroċinahom fil-ġuri li kellu jibda fil-5 ta' Settembru 2022;*

*b. saħansitra anke qabel kienet taf illi r-rikorrenti ma kinux sabu avukat ta' fiduċja tagħhom, ordnat illi għas-seduta tal-24 t'Awwissu 2022 jattendi l-Avukat tal-Għajnuna Legali li jieħu ħsieb il-ġurijiet;*

*c. ippostponiet il-bidu tal-ġuri b'żewġ differimenti, u cioe perjodu ta' sebat ijiem, speċifikament sabiex ir-rikorrenti jkollhom ċans u possibilta' jsibu avukat ta' fiduċja tagħhom;*

*46. Dan juri illi l-Qorti Kriminali ma qabditx u ħatret avukati tal-Għajnuna Legali mingħajr konsiderazzjoni għax-xewqa tar-rikorrenti. Anzi, il-Qorti Kriminali ħadet din id-deċiżjoni as a last resort, wara illi r-rikorrenti taw lill-Qorti l-impressjoni illi ma kienx qed jirnexxilhom isibu avukat illi lest jippatroċinahom. Din il-Qorti tifhem illi l-Qorti Kriminali ma setgħetx tkompli tiddiferixxi l-ġuri ad aeternum, anke fl-interess tal-prinċipju illi l-ġustizzja għandha ssir fi żmien raġjonevoli. Gialadarba l-Qorti Kriminali tat ċans lir-rikorrenti jqabbdu avukat tal-għażla tagħhom (anke jekk effettivament, b'ammissjoni tagħhom stess, ma rnexxielhomx), il-fatt illi hija kellha tmexxi bil-ġuri kien jikkostitwixxi, fil-fehma tal-Qorti "relevant and sufficient ground" sabiex taħtar avukati hi;*

*47. In oltre, din il-Qorti tissenjala illi anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, kellu jitqies illi dan ma kienx "relevant and sufficient ground", meta tqis il-proċeduri fl-assjem tagħhom, din il-Qorti hija tal-fehma illi, bil-ħatra ta' avukati tal-għajnuna legali, il-Qorti Kriminali xorta waħda ma lledietx il-proċeduri penali miġjuba fil-konfront tar-rikorrenti;*

*48. Il-Qorti Ewropea, fi Twalib v Greece ma sabitx leżjoni tad-dritt fundamentali kif protett mill-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea minkejja illi l-proċeduri penali miġjuba fil-konfront tal-akkużat kienu milquta minn nuqqasijiet serji, u dan peress illi l-Qorti tal-Appell ma sabet l-ebda nuqqas. Sostniet il-Qorti:*

> *"40. The Court observes that, as the applicant's counsel did not appear at the hearing in the first-instance proceedings, the court assigned to him the same lawyer who was appearing on behalf of one of his co-accused.*
>
> *Despite the seriousness of the offence with which the applicant was accused and the complexity of the case, his lawyer was afforded very limited time to consult the case file and prepare the applicant's defence. In view of the applicant's submission that there was a conflict of interests between him and his coaccused, the brevity of this period of preparation can hardly be defended on the basis of the argument that the lawyer, as the representative of the coaccused, was largely familiar with the case.*
>
> *There were therefore serious shortcomings in the fairness of the proceedings at first instance which may have adversely affected the position of the applicant.*
>
> *41. However, it must be observed that, on appeal, when he was represented by a different lawyer, the applicant challenged his conviction and sentence before the five-judge Chamber of the Athens Court of Appeal, which was empowered to examine all questions of fact and of law arising in the case and to quash the impugned judgment (see paragraph 14 above; and the Belilos v. Switzerland judgment of 29 April 1988, Series A no. 132, pp. 31–32, § 72). It does not appear from the evidence that the applicant's lawyer contended on appeal that the conviction was unsafe and that a retrial should be ordered on account of the defects in the applicant's representation at first instance; nor is there any clear indication that the appellate court could assume that there had been a defect in the first-instance proceedings without being alerted to the matter (see the Kerojärvi v. Finland judgment of 19 July 1995, Series A no. 322, p. 16, § 42).*
>
> *42. Be that as it may, the five-judge Chamber of the Athens Court of Appeal – with full competence to consider questions of both fact and law – reached its conclusion after having held a hearing, at which the applicant and his counsel were present. Given that the applicant had the opportunity to raise the alleged deficiency at the appeal hearing and that there is nothing to suggest that the fairness of the appeal proceedings could be called into question, the Court finds that there has been no violation of Article 6 § 1 in conjunction with paragraph 3 (b) in the instant case.*
>
> *Issa fil-każ odjern, l-ewwel aggravju mill-Appell intavolat mis-sentenza tal-erbatax (14) ta' Ottubru 2022 kien preċiżament illi s-sejba ta' ħtija kienet ibbażata fuq ammissjoni mhux mixtieqa, u dan, inter alia, stante illi r-rikorrenti ma kinux assistiti minn avukat ta' fiduċja tagħhom illi kellu*

*konjizzjoni adegwata tal-każ, u ma kellhomx żmien adegwat sabiex jiddiskutu l-linja difensjonali. Dan ifisser illi, b'kuntrast ma' Twalib suriferita, il-punt illi qiegħed jitqajjem quddiem din il-Qorti ġie wkoll imqajjem quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, b'dana illi saħansitra anke l-Qorti tal-Appelli Kriminali kellha l-opportunita' tindaga jekk kienx hemm xi nuqqas fil-proċeduri jew preġudizzju arrekat lir-rikorrenti per kawża ta' nuqqasijiet proċedurali illi setgħu jwasslu sabiex jerġa' jiġi ċelebrat il-ġuri mill-ġdid. Il-Qorti tal-Appelli Kriminali, iżda, fis-sentenza tagħha qalet:*

> *"32. Illi meqjusa l-principji tal-parity of arms kif emergenti mis-sentenza Gregacevic u mill-Handbook citati supra, jemergi illi huwa minnu li l-kaz in disamina huwa wiehed voluminuz kwantu n-numru ta' xhieda inkluz xiehda ta' esperti nominati mill-Qorti Istruttorja. Huwa minnu ukoll illi meta qorob il-zmien li fih kellu jkun celebrat il-guri, l-avukat ta' xelta tal-akkuzati rrinunzja ghall-patroncinju taghhom u li minfloku kienu nominati avukati tal-Ghajnuna Legali. Jirrizulta izda, illi dawn tal-ahhar kellhom aktar minn erbghin jum sabiex jezaminaw il-kaz, liema zmien huwa aktar mid-doppju rakkomandat mil-ligi, u li fi kwalunkwe kaz kull xhud li ddepona quddiem il-Qorti Istruttorja matul l-istadju tal-Kumpilazzjoni kien ser ikollu jixhed quddiem l-akkuzati mill-gdid hlief fejn il-ligi tiddisponi mod-iehor bil-fakultajiet kollha li taghti l-ligi ghall-kontro-ezami taghhom. Gia hawnhekk il-kwisjtoni titbieghed mic-cirkostanzi kif postulati fis-sentenzi citati mill-akkuzati ghaliex fis-sistema taghna tal-guri ma hemmx lok ghal sorprizi u l-akkuzati ma setghux ikunu affacjati b'xhieda jew dokumenti godda;*
>
> *33. Jizdied jinghad ma' dan, u dan b'kawtela kbira, li l-mod kif svolgew l-affarijiet f'dan il-kaz huma biss effett ta' dak mibdi mill-avukat ta' fiducja tal-akkuzati fis-sens illi l-patteggjament u s-sussegwenti registrazzjoni ta' ammissjoni taghhom hija biss il-konkluzjoni ta' inizjattiva taghhom mibdija fi zmien meta kienu assistiti b'avukat ta' fiducja taghhom liema inizjattiva giet fi tmiemha proprju bit-twegiba ghal-mistoqsija tal-Qorti x'kellhom iwiegbu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom. Fatt dan, osservat mill-Avukat Generali u mhux kontradett jew kontestat mill-appellanti. Il-Qorti Kriminali mxiet b'kawtela kbira meta, wara li kienet registrata ammissjoni, appuntat lit-tabib Dr. Mario Scerri u lill-psikjatra Dr. Beppe Micallef Trigona sabiex jezaminaw mhux biss lill-akkuzat Alfred Degiorgio izda ukoll lill-akkuzat George Degiorgio sabiex taccerta ruhha illi l-ammissjoni taghhom kienet wahda hielsa u mhux mqanqla minn xi elementi ta' nvolontarjeta u sabiex taccerta ruhha li kienu qed jifhmu l-eghmil taghhom fir-registrazzjoni ta' dik l-ammissjoni;*
>
> *34. Ghalhekk, wara li l-Qorti qieset dawn ic-cirkostanzi mill-ottika tal-provvedimenti tal-ligiijiet u gurisprudenza hawn citata inkluz dik ta' Strasbourg li tezigi bilanc u proporzonalita' u fuq kollox ezami tal-overall fairness of the proceedings, ma tara ebda karenza fl-iter procedurali li jista' jaghti ragun lill-akkuzati f'dan l-aggravju u konsegwentement qed tichad l-istess. Fi Twalib, il-Qorti ma sabitx leżjoni għaliex il-Qorti tal-Appell kellha l-possibilta' tindaga jekk kienx hemm nuqqasijiet fil-proċedura u ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni f'dan l-effett. Fil-każ odjern, ilment ta' din ix-xorta diġa ġie mqajjem quddiem, u indagat fid-dettall, mill-Qorti tal-Appell Kriminali, illi ddeċidiet illi ma kienx hemm nuqqasijiet proċedurali quddiem l-Ewwel Qorti. Isegwi għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi jekk saħansitra anke fiċ-ċirkostanzi ta' Twalib ma nstabitx leżjoni tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, minkejja illi rriżulta ċar lill-Qorti Ewropea illi kien hemm nuqqasijiet proċedurali, u dan peress illi l-akkużat kien*

> *użufruwixxa ruħu mid-dritt t'Appell, aktar u aktar ma tistax tinsab leżjoni tal-istess Artikolu fil-każ odjern, meta mhux talli r-rikorrenti kellhom id-dritt t'Appell, iżda talli ilment ta' din ix-xorta diġa' ġie mqajjem quddiem, u indagat fid-dettall, mill-Qorti tal-Appell Kriminali, illi kkonkludiet b'mod speċifiku illi ma kinux ġew preġudikati d-drittijiet tar-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti; "*

*49. Għaldaqstant, in konklużjoni, din il-Qorti hija tal-fehma illi bil-ħatra tagħha t'avukati tal-Għajnuna Legali, il-Qorti Kriminali għenet, u mhux fixklet, lir-rikorrenti, bl-intiż illi tassigura illi ma jinħeliex aktar ħin, u illi r-rikorrenti jkollhom assistenza legali waqt il-ġuri. Hija ħatret difensuri abbli, b'esperjenza fil-ġurijiet, u dan wara illi r-rikorrenti ngħataw l-opportunita' jqabbdu avukat ta' fiduċja tagħhom.*

*50. Għaldaqstant, ma jidhirx lil din il-Qorti illi l-Qorti Kriminali aġixxiet b'mod illi jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti meta ħatret sabiex jassistuhom avukati tal-Għajnuna Legali, u mhux avukati tal-għażla tar-rikorrenti."*

25. **Din il-Qorti fliet l-ewwel u t-tieni aggravju u ma tqisx li hemm raġuni tvarja dak konkluż mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-istess.** *Oltre* li tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, iżżid li din il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti huma korretti meta jilmentaw li ma ngħatawx il-possibilità u l-fakultà li jinkarigaw konsulent legali tal-fiduċja tagħhom.

26. Jiġi meqjus li r-rinunzja għall-patroċinju tar-rikorrenti mill-avukat tagħhom fl-atti tal-Att ta' Akkuża 7/2019 seħħet formalment permezz ta' nota nhar id-19 ta' Awwissu 2022 u dan meta d-data tal-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri kienet diġà ġiet appuntata mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima, u dan anke skont xhieda tar-rikorrent Alfred Degiorgio:

*"Xhud: Tatna data għall-ħamsa ta' Settembru għall-ġuri.*

*Dr Cuschieri: Jiġifieri fil-ħamsa ta' Settembru kellu jibda l-ġuri proprju?*

*Xhud: Kellu jibda l-ġuri*

*Dr Cuschieri: Sewwa. Sa dakinhar l-avukat kontu għadkom qed tikkomunikaw miegħu dwar dan il-ġuri?*

*Xhud: Iva anke ftaħna xi kawża ta' trial by media wkoll.*
*....*
*Xhud: Fid-dsatax ta' Awwissu nirċievu digriet mingħand l-Imħallef Edwina Grima li Dr William Cuschieri rrinunzja, u għamlitilna data b'urġenza għall-erbgħa u għoxrin ta' Awwissu, biex niddikjaraw l-avukat tagħna."*[1]

27. Ir-rikorrenti ngħataw mid-19 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Awwissu 2022 sabiex isibu avukat u dan għaliex il-Qorti Kriminali appuntat seduta b'urġenza nhar l-24 ta' Awwissu 2022, seduta oħra fis-26 ta' Awwissu 2022 u finalment seduta oħra fil-31 ta' Awwissu 2022. Ir-rikorrent Alfred Degiorgio xehed:

*"Xhud: Id-dsatax ta' Awwissu Sur Imħallef kien il-Ġimgħa, it-Tnejn u t-Tlieta kkuntattjajna l-avukati li jaħdmu fil-Qorti Kriminali, kien hemm minnhom li qalulna li dan il-każ ma jgħoddx għalihom, u kien hemm minnhom li qalulna li ma hemmx żmien biżżejjed biex jippreparaw għad-difiża tagħna għax il-ġuri kien ser jibda fil-ħamsa ta' Settembru.*

*Dr Cuschieri: Inti u ħuk.*

*Xhud: Jien u ħija, għidtilha li għadna ma sibniex avukat, ma għandniex avukat, tlabtha biex ittina żmien aktar u għamlitli data għas-sitta u għoxrin ta' Awwissu.*

*Dr Cuschieri: Jumejn wara jiġifieri.*

*Xhud: Għal jumejn wara.*

*Again, biex niddikjara l-avukat u qaltli li jekk ma niddikjarax l-avukat f'dik id-data il-Qorti ser tqabbdilkom l-avukat tal-għajnuna legali.*

*Dr Cuschieri: Erġajt ippruvajt? X'għamilt f'dawk il-jumejn?*

*Xhud: L-erbgħa u għoxrin ta' Awwissu kien l-Erbgħa. Il-Ħamis kont ċempilt lil Dr Herrera, Dr Herrera qalli li qiegħed imsiefer, qalli s-Sibt ġejt mis-safar u t-Tnejn niġi narak. Għidtlu għada għandi seduta quddiem l-Imħallef Edwina Grima, għidtlu x'nagħmel niddikjarak jiena? Qalli le, qalli għax għadna ma ftehmna xejn. Il-Ġimgħa tlajt quddiemha u spjegajtilha lil dan l-avukat u tlabtha biex, li ġej it-Tnejn ikellimni, u għamlitli data, ma niftakarx sew, għandikun għat-tletin ta' Awwissu jew għall-wieħed u tletin ta' Awwissu.*

[1] *Fol.* 188 *et seq.*

*Dr. Cuschieri: Sewwa, umbagħad?*

*Xhud: It-Tnejn Dr Herrera jċempilli qalli jiddispjaċini ħafna ma nistax naħdimlek għax żmien biżżejjed ma hemmx biex nipprepara d-Difiża tiegħek? Tlajt quddiemha, naħseb fit-tletin ta' Awwissu u għidtilha nsomma li dan l-avukat mhux ser jaħdimli qaltli l-Qorti ħa tqabbdilkom l-avukat tal-għajnuna legali. Għidtilha Sur Imħallef jiena nixtieq l-avukat tal-għażla tiegħi, qaltli tajtek żmien biżżejjed u tatna d-data għall-ġuri għall-erbgħa ta' Ottubru."*

28. Fi kliem ir-rikorrenti stess huma kkuntattjaw "l-avukati li jaħdmu fil-Qorti Kriminali"; b'dan il-kliem din il-Qorti tifhem li r-rikorrenti ma kkuntattjawx biss xi avukat wieħed jew tnejn iżda li sar kuntatt ma' ħafna mill-avukati li jaħdmu fil-Qorti Kriminali. Infatti dan ġie anke vverbalizzat fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2022 quddiem il-Qorti Kriminali *"L-akkużati nfurmaw lill-Qorti li huma qed isibu diffikulta biex jinkarigaw avukat ta' fiduċja tagħhom billi għalkemm ikkomunikaw ma diversi avukati għadhom ma sabux avukat li lest jaċċetta l-inkarigu".*[2] Għalhekk kien wara dawn l-iżviluppi li l-Qorti Kriminali, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, appuntat żewġ avukati lir-rikorrenti: *"Iddikjaraw illi għalkemm avviċinaw diversi avukati sabiex jassistuhom fil-ġuri ħadd ma ried jaċċetta dan l-inkarigu. Il-Qorti fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi għalhekk, qegħda taħtar hija stess avukat sabiex jassisti lill-akkużati fil-ġuri".*[3]

29. *Oltre* dan, din il-Qorti rat ukoll li ma ġie mqajjem l-ebda lment li b'xi mod ir-rikorrenti kienu impediti milli jagħmlu kuntatt ma' avukati, anzi mill-

[2] *Fol.* 112.
[3] *Fol.*116.

mod kif svolġew l-affarijiet, din il-Qorti tifhem li r-rikorrenti għamlu diversi ġranet jipprovaw isibu avukat tal-għażla tagħhom iżda ma rnexxielhomx. Għaldaqstant din il-Qorti ma tqisx li huwa minnu li r-rikorrenti ma ngħatawx il-possibbiltà u l-fakultà li jsibu avukat u dan għaliex fi kliemhom stess huma kkuntattjaw diversi avukati li jaħdmu fil-Qorti Kriminali iżda dawn irrifjutaw li jassistuhom.

30. Għalhekk mhux talli mhuwiex minnu dak reklamat mir-rikorrenti fit-tieni talba tagħhom, talli ta' min ifakkar li fi kwalunkwe każ kienet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stess, fil-kawża **Meftah and Others v. France,** li qieset li d-dritt li akkużat ikollu avukat tal-għażla tiegħu mhuwiex dritt assolut:

> "*The Court reiterates that the right for everyone charged with a criminal offence to be defended by counsel of his own choosing (see Pakelli v. Germany, judgment of 25 April 1983, Series A no. 64, p. 15, § 31) cannot be considered to be absolute and, consequently the national courts may override that person's choice when there are relevant and sufficient grounds for holding that this is necessary in the interests of justice (see Croissant, cited above, p. 33, § 29).*[4]"

31. **Issa** fir-rigward tal-kwistjoni relatata mat-tielet talba u ċjoè fejn ir-rikorrenti jilmentaw li l-avukati tal-għajnuna legali ġew imposti fuq ir-rikorrenti, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti jittantaw isostnu dan l-ilment billi jgħidu li l-avukati tal-għajnuna legali ġew imposti fuqhom biex in teorija l-esponenti jidhru li kellhom difiża. Jgħidu li l-avukati tal-għajnuna legali ma kinux avukati tal-fiduċja tagħhom. Madankollu dan l-argument jinjora

[4] Application nos. 32911/96, 35237/97 and 34595/97 deċiżi fis-26 ta' Lulju 2002.

l-fatt li huwa fundamentali li akkużat ikun assistit, sakemm ma jagħżilx mod ieħor.

32. Ir-rikorrenti jilmentaw li riedu avukat tal-fiduċja tagħhom u li ma ridux avukat tal-għajnuna legali. Madankollu jirriżulta li ma sabux avukat tal-għażla tagħhom. Din il-Qorti rat li r-rikorrenti anqas ma għażlu li jiddefendu lilhom infushom. Isegwi, li bil-loġika tar-rikorrenti l-proċeduri kriminali kontrihom setgħu ġew imwaqqfa sakemm huma sabu avukat tal-fiduċja tagħhom u jekk dan ma javverax ruħu l-ġuri ma kien isir qatt. Id-diskrezzjoni f'dan il-każ mhix tal-akkużat iżda tal-Qorti li jekk tara li l-akkużat mhux f'pożizzjoni li jsib avukat ta' fiduċja fi żmien raġonevoli mogħti lilu, jiġi appuntat avukat tal-għajnuna legali.

33. Filwaqt li d-dritt li akkużat ikollu avukat tal-għażla tiegħu mhuwiex wieħed assolut, huwa fundamentali li sabiex ikun hemm smigħ xieraq l-akkużat ikun assistit:

> *"78. The Court considers that the right to counsel, being a fundamental right among those which constitute the notion of fair trial and ensuring the effectiveness of the rest of the foreseen guarantees of Article 6 of the Convention, is a prime example of those rights which require the special protection of the knowing and intelligent waiver standard. It is not to be ruled out that, after initially being advised of his rights, an accused may himself validly waive his rights and respond to interrogation. However, the Court strongly indicates that additional safeguards are necessary when the accused asks for counsel because if an accused has no lawyer, he has less chance of being informed of his rights and, as a consequence, there is less chance that they will be respected. –* ***ara Pishchalnikov v. Russia***[5]".

---

[5] Application no. 7025/04 deċiża b'mod finali nhar l-24 ta' Diċembru 2009.

34. Issa la r-rikorrenti ma rrinunzjawx validament għall-assistenza legali sabiex jiddefendu lilhom infushom, kif kellhom kull dritt li jagħmlu, mela konsegwentement l-unika triq li kien baqa' kien li jiġi appuntat avukat tal-għajnuna legali u dan sabiex ir-rikorrenti jkunu assistiti u l-proċeduri jiġu konklużi.

35. Huwa fl-interess pubbliku li proċeduri legali, ta' kwalunkwe tip, jiġu konklużi wara li jkunu bdew. Ma huwa fl-interess ta ħadd, la tal-akkużat, la tas-soċjetà in ġenerali u lanqas tal-vittma jew il-familjari tal-istess, li l-proċeduri jibqgħu jiġġebbdu bla ma jiġu konklużi. L-akkużat għandu drittijiet fundamentali li għandhom jiġu mħarsa iżda dan ma jfissirx li l-akkużat jiġi akkomodat akkost ta' kollox. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel żewġ aggravji.

36. Permezz **tat-tielet aggravju r-rikorrenti** jilmentaw, mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni aggravju, fir-rigward tal-ewwel u s-sitt talba kif imsejsa fuq ir-raba' talba. Jisħqu li fi ftit jiem huma ma rnexxilhomx isibu avukat li seta' jipprovdilhom difiża adegwata u ġew appuntati avukati tal-għajnuna legali, però dawn xorta sabuha impossibbli jippreparaw ruħhom għal dan il-ġuri partikolari fil-ftit jiem li kellhom a dispożizzjoni tagħhom. Dan qaluh dak iż-żmien lill-Qorti Kriminali u rrepetew dan f'dawn il-proċeduri. Minkejja li l-liġi kriminali tistipula żmien

li jkun irid jgħaddi sabiex jiġi ċċelebrat ġuri, dak iż-żmien huwa l-minimu. L-Ewwel Qorti ħarset lejn dan il-minimu u nnotat li fil-fatt kienu għaddew numru ta' ġranet aktar. Iż-żmien mogħti għall-preparazzjoni tal-ġuri jaqa' fil-parametri tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk wieħed jifhem li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma sabet ebda ksur tal-liġi kriminali meta ż-żmien mogħti għal dan il-ġuri kien dak li kien. Però fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-individwu tmur *oltre* u jkun irid jiġi evalwat jekk iż-żmien mogħti, twil kemm hu twil, kienx raġonevoli fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Jagħmlu referenza għall-paragrafu 80 tal-kawża Leas v. Estonia deċiża nhar is-6 ta' Marzu 2012:

> "*80. More specifically, Article 6 § 3 (b) guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare the main trial. The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the possibility to put all relevant defence arguments before the trial court and thus to influence the outcome of the proceedings (see Connolly v. the United Kingdom (dec.), no. 27245/95, 26 June 1996, and Moiseyev v. Russia, no. 62936/00, § 220, 9 October 2008). Furthermore, the facilities which should be enjoyed by everyone charged with a criminal offence include the opportunity to acquaint himself, for the purposes of preparing his defence, with the results of investigations carried out throughout the proceedings (see C.G.P. v. the Netherlands (dec.), no. 29835/96, 15 January 1997, and Foucher v. France, 18 March 1997, §§ 26-38, Reports 1997-II). The issue of adequacy of time and facilities afforded to an accused must be assessed in the light of the circumstances of each particular case (see Galstyan v. Armenia, no. 26986/03, § 84, 15 November 2007, and Dolenec v. Croatia, no. 25282/06, § 208, 26 November 2009).*"

37. Jisħqu li dan l-insenjament kien diġà ġie avvanzat fil-każ Huseyn and Others v. Azerbaijan deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar is-26 ta' Ottubru 2011, u Gregacevic v. Kroazja deċiża mill-

Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar l-10 ta' Ottubru 2012. Jgħidu li fil-każ Huseyn et, f'paragrafu 76, il-Qorti Ewropea innotat li l-każ tal-prosekuzzjoni kien jikkonsisti f'aktar minn 6200 paġna ta' dokumenti u evidenza viżiva ta' 22 *video casette*, u l-avukati tad-difiża u l-istess akkużati kienu saħansitra ffirmaw dokument ippreżentat lilhom li bih iddikjaraw li kienu ffamiljarizzaw irwieħhom mad-dokumenti ppreżentati mill-Prosekuzzjoni, huma u jiffirmaw dan id-dokument ħadd minnhom ma osserva li ma kellux biżżejjed ħin biex jagħmel dan. Iżda dik il-Qorti rat li l-fatt li tkun iffirmajt li taf bl-eżistenza tad-dokumenti ma jfissirx li jkollok ħin adegwat biex teżaminah u li tevalwah fil-kuntest tad-difiża li tkun trid tibni. Bħal fil-każ odjern, l-avukati f'dak il-każ ilmentaw li ma kellhomx żmien suffiċjenti biex jevalwaw sew tali evidenza għal dak li kellhom bżonn huma bħala difiża. Jagħmlu referenza għall-każ Mattick v. Germany deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar il-31 ta' Marzu 2005 fejn ingħad li fl-evalwazzjoni ta' x'inhu żmien adegwat għall-preparazzjoni tad-difiża, il-Qorti għandha tqis ukoll x'impenji għandu l-avukat tad-difiża. Anzi tmur *oltre* u tgħid li tali avukat mhux tenut iwaqqaf ix-xogħol kollu tiegħu biex jiffoka fuq każ urġenti wieħed biss:

> "*The Court reiterates that Article 6 § 3 (b) of the Convention concerns two elements of a proper defence, namely the question of facilities and that of time. The question of time cannot be addressed in abstracto, but only in relation to the circumstances of the case (see Mortensen v. Denmark, no. 24867/94, Commission decision of 15 May 1996, unreported, and Hayward v. Sweden, no. 14106/88, Commission decision of 6 December 1991, unreported). The Court further reiterates that when determining the length of the preparatory time needed, it takes into account not only the complexity of the case, but also the usual workload of a legal counsel, who certainly cannot be expected to change his whole programme in order to devote all his*

*time to one case. However, it is not unreasonable to require a defence lawyer to arrange for at least some shift in the emphasis of his work if this is necessary in view of the special urgency of a particular case (see, mutatis mutandis, X and Y v. Austria, no. 7909/74, Commission decision of 12 October 1978, Decisions and Reports 15, p. 163).*

*The Court acknowledges that, when a defendant faces compulsory confinement, the defence lawyer not only has to deal with the current charges but also has to examine previous convictions and a psychological expert opinion. The lawyer therefore has to exercise the utmost diligence and needs an appropriate amount of time.”*

38. **L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:**

*“Dwar il-fatt illi l-Konsulenti Legali tal-Għajnuna Legali ma ngħatawx ħin adegwat biżżejjed sabiex iħejju difiża*

*51. Din il-Qorti semgħet lill-Avukati tal-Għajnuna Legali jixhdu dwar il-voluminożita’ tal-atti proċesswali tal-każ miġjub fil-konfront tar-rikorrenti, u rat ukoll dak illi ġie verbalizzat minnhom stess waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta’ Ottubru 202230, cioe:*

*Illi d-difensuri tal-akużat kolleġjalment jiddikjaraw illi l-atti tal-kumpilazzjoni ta’ dan il-proċess fih (25) ħamsa u għoxrin volum b’aktar minn (11,000) ħdax-il elf paġna u total ta’ aktar minn 4.2 GB, illi l-atti tal-inkjesta waħedhom fihom (6) sitt volumi, illi l-hard disc bil-provi awdjo viżivi fih aktar minn (77) elf file, total ta’ aktar minn (400) erba’ mitt gigabyte. Dan il-hard disc huwa esebit fl-atti tal-kawża kostituzzjonali emeritu (animo ritirandi).*

*Illi sal-lum l-avukati kellhom erbgħin (40) ġurnata sabiex jeżaminaw l-atti kollha ta’ dan il-proċess u jippreparaw difiża. Fiżikament u fuq kalkolu ta’ erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, mingħajr irqad u mingħajr ebda xogħol ieħor, ifisser illi kellhom jinfetħu u jiġu eżaminati elf u disa’ mitt (900) (sic) file kuljum awdjo viżiv u mitejn u ħamsa u sebgħin (275) paġna tal-volumi traskritti / ritratti / rapporti, circa 2000 file kuljum. Dana jikkomrendi biss ftuħ u sempliċi qari mingħajr eżami bir-reqqa tal-kontenut. Il-Prosekuzzjoni ilha snin tibni l-każ u naturalment rat bir-reqqa kull prova miġbura u prodotta u kellha il-ħin kollu biex teżaminah uffiċċju sħiħ tal-Avukjat Ġenerali jassistiha.*

*L-Avukati jifhmu li anke din il-Qorti kellha aktar minn erbgħin (40) ġurnata sabiex hi stess tipprepara ruħha għal dan il-ġuri bl-istaff kollu jassisti lil din l-Onorabbli Qorti.*

*Oltre dan, fl-istess vesti ta’ avukat tal-għajnuna legali dawn l-erbgħin (40) ġurnata l-avukati odjerni ġew nominati sabiex jassistu persuni oħra kemm di natura ċivili kif ukoll di natura kriminali. In*

*fatti, fit-18 ta' Setembru, 2022 u fis-7 ta' Ottubru, 2022, Dr Farrugia kien l-avukat tal-għassa waqt li Dr Simon Micallef Stafrace kien avukat tal-għassa fil-21 ta' Settembru 2022, fit-22 ta' Settembru 2022 u l-11 ta' Ottubru 2022. Ċertament ovvjament, l-avukati difensuri odjerni kellhom problema ta' ħin u tal-loġistika ċara. Hu għalhekk illi l-avukati difensuri jitolbu formalment direzzjoni minn din l-Onorabbli Qorti jekk fil-fehma tagħha l-perjodu ta' erbgħin (40) ġurnata kienx biżżejjed sabiex huma ikunu jistgħu jespletaw sewwa u kif trid il-liġi l-inkarigu lilhom mogħti minn din il-Qorti stess. Ilkoll kemm aħna, fl-aħħar mill-aħħar, uffiċjali tal-Qorti.*

*52. Da parti tagħha, il-Qorti Kriminali ddikjarat kif isegwi:*

*"Il-Qorti semgħet il-preokkupazzjoni tal-avukati difensuri tal-akkużati maħtura minnha bħala avukat tal-għajnuna legali u tirrileva illi l-liġi stess timponi terminu li fih l-akkużat huwa mogħti dritt jipprepara id-difiża tiegħu, liema perjodu ta' żmien huwa dak ta' għoxrin (20) jum. Li l-Qorti tista' għal raġuni valida testendi, li l-Qorti fil-fatt estendiet it-terminu mogħti mil-liġi b'iktar mid-doppju taż-żmien konċess sabiex b'hekk hija l-fehma tal-Qorti li dan il-ġuri, li ilu appuntat għas-smiegħ sa mill-bidu ta' Lulju ta' din is-sena, kien mogħti għalhekk perjodu ta' żmien twil lill-akkużati biex iħejju d-difiża tagħhom. Mhux biss, iżda l-akkużati stess meta riskontraw diffikulta' minħabba l-avukat difensur tagħhom, li kien qed jippatroċinahom, irrinunzja għall-patroċinju tagħhom lejliet iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, il-Qorti reġgħet ikkonċediet iktar żmien lill-akkużati sabiex ifittxu jinkarigaw avukat ta' fiduċja tagħhom, li kienu l-akkużati stess illi nfurmaw lill-Qorti li qed jirriskontraw diffikulta' billi ma setgħux isibu avukat ta' fiduċja tagħhom li kien lest li jassistihom.*

*Il-Qorti għalhekk sabet ruħha b'idejha marbutin u setgħet tagħmel dak biss illi l-liġi tagħtiha biex tagħmel, u cioe li f'ċirkostanzi li persuna akkużat ma tistax tikseb difiża permezz ta' avukat li jassistiha taħtar hija stess avukat tal-għajnuna legali biex jipprovdi difiża adegwata lill-akkużati.*

*Kif ingħad wara li seħħ dan, il-Qorti kkonċediet iktar żmien lill-avukati tal-għajnuna legali biex ikunu jistgħu iħejju d-difiża tagħhom. Illi dan iż-żmien kien wieħed raġoneovli li fih l-avukati nominati setgħu jieħdu konjizzjoni tal-atti u jħejju difiża sabiex ikun jista' jiġi ċelebrat il-ġuri u għalhekk il-Qorti qiegħda tidderieġi lill-Avukati tal-Għajnuna Legali sabiex ikomplu jassistu lill-akkużati fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-ġuri u fl-eventwalita' li dan l-ilment tagħhom ventilat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jiġi milqugħ, il-Qorti qiegħda tiddikjara li se tieqaf minnufih milli tkompli mis-smigħ tal-ġuri."*

*53. F'Mattick v. Germany, il-Qorti Ewropea irriteniet kif isegwi:*

*"The Court reiterates that Article 6 § 3 (b) of the Convention concerns two elements of a proper defence, namely the question of facilities and that of time. The question of time cannot be addressed in abstracto,*

> *but only in relation to the circumstances of the case (see Mortensen v. Denmark, no. 24867/94, Commission decision of 15 May 1996, unreported, and Hayward v. Sweden, no. 14106/88, Commission decision of 6 December 1991, unreported). The Court further reiterates that when determining the length of the preparatory time needed, it takes into account not only the complexity of the case, but also the usual workload of a legal counsel, who certainly cannot be expected to change his whole programme in order to devote all his time to one case. However, it is not unreasonable to require a defence lawyer to arrange for at least some shift in the emphasis of his work if this is necessary in view of the special urgency of a particular case (see, mutatis mutandis, X and Y v. Austria, no. 7909/74, Commission decision of 12 October 1978, Decisions and Reports 15, p. 163).*

*54. Fil-każ odjern, il-Qorti Kriminali rdoppjat it-terminu minimu propost mil-liġi, u tat lir-rikorrenti u lill-avukati tagħhom erbgħin jum sabiex jippreparaw id-difiża tagħhom. Din il-Qorti ma ssibhiex diffiċli illi temmen illi l-avukati tal-Għajnuna Legali sabu quddiemhom ammont sostanzjali ta' dokumenti u atti proċesswali kif dikjarat fil-verbal tagħhom tal-erbatax (14) ta' Ottubru 2022, iżda, fl-istess waqt, din il-Qorti lanqas tista' tasal tikkonkludi illi erbgħin jum ma kinux suffiċjenti sabiex ir-rikorrenti jippreparaw id-difiża tagħhom. Forsi huwa minnu illi ma kienx ideali illi l-avukati tal-Għajnuna Legali jiġu mmessi f'dik il-pożizzjoni f'dak l-istadju tal-proċeduri, meta ma kinux imxew it-triq kollha mar-rikorrenti sa mill-arrest bħalma kien għamel l-Avukat William Cuschieri, iżda dana ma jfissirx illi terminu t'erbgħin jum ma kinux suffiċjenti. Dan aktar u aktar meta, hekk kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appelli Kriminali, "fi kwalunkwe każ, kull xhud li ddepona quddiem il-Qorti Istruttorja matul l-istadju tal-Kumpilazzjoni kien ser ikollu jixhed quddiem l-akkużati mill-ġdid ħlief fejn il-liġi tiddisponi mod ieħor bil-fakultajiet kollha li tagħti l-liġi għall-kontro-eżami tagħhom."*

*55. In oltre, din il-Qorti nnotat ukoll illi fis-seduta tal-wieħed u tletin (31) t'Awwissu 2022, ir-rikorrenti vverbalizzaw illi "billi l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace mhuwiex avukat tal-għażla tagħhom huma m'humiex disposti li jikkomunikaw miegħu". Ix-xhieda mogħtija mir-rikorrent Alfred Degiorgio tikkonferma illi r-rikorrenti fil-fatt hekk għamlu, stante illi matul dan il-perjodu illi fih suppost kienet qed tiġi preparata d-difiża, huma baqgħu jwebbsu rashom u jippruvaw isibu avukat tal-fiduċja tagħhom, minkejja illi kien hemm żewġ avukati illi ġew hekk maħtura apposta. Alfred Degiorgio jgħid illi l-unika darba illi tkellmu mal-Avukat Micallef Stafrace kien tramite Skype meta kien wasal illi jibda l-ġuri, cioe meta kien diġa tard wisq. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jistgħux ir-rikorrenti jargumentaw illi ma ngħatawx biżżejjed żmien sabiex jippreparaw difiża, meta effettivament "ħlew" iż-żmien konċess lilhom mill-Qorti Kriminali għal dan il-għan. Anke li kieku rnexxielhom isibu avukat illi kien lest illi jippatroċinahom f'dak l-istadju, it-terminu kien ser jibqa' dak li hu u, jekk jitwal, ma kienx ser jitwal wisq. L-aġir tar-rikorrenti jindika lil din il-Qorti illi dak illi effettivament riedu r-rikorrenti ma kienx illi jkollhom difiża tal-għażla tagħhom, iżda illi jilagħbu għal aktar żmien;*

*56. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll illi l-fatt illi ma ngħatawx terminu itwal sabiex fih jippreparaw id-difiża tagħhom wassal sabiex ma kellhom l-ebda għażla ħlief illi jammettu għall-akkużi miġjuba kontrihom. Madanakollu, din il-Qorti rat kif, quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, ir-rikorrenti ma kinux ikkontestaw il-fatt illi "l-mod kif svolġew l-affarijiet f'dan il-każ huma biss effett ta' dak mibdi mill-avukat ta' fiduċja tal-akkużati fis-sens illi l-patteġġjament u s-sussegwenti reġistrazzjoni ta' ammissjoni tagħhom hija biss il-konklużjoni ta' inizjattiva tagħhom mibdija fi żmien meta kienu assistiti b'avukat ta' fiduċja tagħhom liema inizjattiva ġiet fi tmiemha proprju bit-tweġiba għall-mistoqsija tal-Qorti x'kellhom iwieġbu għall-akkużi miġjuba kontra tagħhom."*

*57. Ikkunsidrat il-mod kif imxiet mar-rikorrenti l-Qorti Kriminali, u cioe illi tathom rappreżentanza legali meta kienu qed isibuha diffiċli illi jsibu avukat lest jippatroċinahom, kif ukoll illi estendiet iż-żmien sabiex iħejju difiża b'għoxrin jum iktar mit-terminu stabbilit fil-liġi, u kkunsidrati wkoll l-overall fairness tal-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, din il-Qorti ma ssibx illi ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.*

*58. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet rikorrenti."*

39. **L-intervenuti fil-kawża hawn iwieġbu** illi l-ilment tal-appellanti, li ma ngħatawx biżżejjed ħin sabiex iħejju d-difiża tagħhom ġie meqjus b'mod xieraq mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili. Dan it-tip ta' lment ma huwiex wieħed li jiddependi biss fuq numru ta' ġranet iżda huwa wieħed li jiddependi anke fuq iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ b'attenzjoni dwar jekk il-proċess penali b'mod sħiħ kienx wieħed difettuż jew le. Mhux biss huwa importanti hawn li wieħed jindika li l-Qorti Kriminali ħatret żewġ avukati sabiex flimkien jassistu lill-appellanti u li l-eżitu tal-proċess kien dak li l-appellanti kienu diġà fformulaw mal-avukat tal-fiduċja tagħhom, iżda saħansitra li l-proċess penali quddiem il-Qorti Kriminali ġie wkoll sindikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan wassal sabiex l-ilment tal-appellanti ġie wkoll mistħarreġ minn dik il-qorti b'mod li l-Qorti tal-Appell Kriminali

ssindikat il-proċess u l-proċedura li kienet ġiet segwita mill-Qorti Kriminali. *In oltre* l-Qorti tal-Appell Kriminali wettqet dan is-sindikar b'poteri wiesgħa li bihom setgħet ukoll warrbet l-eżitu ta' dak il-proċess.

40. Dan ikompli jsaħħaħ il-fatt li l-Qorti Kriminali fl-ebda mument ma aġixxiet b'mod arbitrarju fil-konfront tal-appellant, ukoll li huma flimkien mal-avukati mill-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali, kellhom kull żmien meħtieġ minnhom biex iressqu l-każ tagħhom ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-fatt li huma għamlu dan u ma jilmentawx li kienu b'xi mod preġudikati fil-proċeduri tat-tieni istanza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali juri kemm l-istess appellanti kellhom proċess penali li fih huma kellhom il-faċilitajiet adegwati sabiex iħejju d-difiża tagħhom u jippreżentaw il-każ tagħhom. F'dan il-każ l-appellanti qiegħdin jipprovaw jirtiraw minn eżitu li huma stess kienu diġà varaw permezz tal-avukat tal-fiduċja tagħhom ferm qabel il-ħatra ta' avukati tal-għajnuna legali.

41. **Fir-rigward tat-tielet aggravju, din il-Qorti anqas ma ssib x'tiċċensura fir-rigward ta' dak konkluż mill-Ewwel Qorti.**

42. Tqis li l-ġuri kellu jibda fil-5 ta' Settembru 2022 u dan skont kif imniżżel fil-verbal tas-seduta tal-Qorti Kriminali fl-atti tal-Att t'Akkuża 7/2019 ta' nhar it-8 ta' Lulju 2022 u b'liema seduta r-rikorrenti kienu

preżenti[6]. Li l-avukati tal-Għajnuna Legali ġew formalment maħtura fit-2 ta' Settembru 2022 għalkemm Dr Simon Micallef Stafrace jixhed ukoll li fil-31 ta' Awwissu 2022 kien preżenti fl-awla għaliex kien mitlub ikun preżenti[7] kif ikkonfermat mill-verbal tal-istess seduta[8] .

43. Jiġi osservat ukoll li fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, il-ġuri ġie differit għall-4 ta' Ottubru 2022 u ġie ddikjarat mill-akkużati li ma kienux disposti jikkomunikaw mal-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace għaliex mhuwiex l-avukat tal-għażla tagħhom[9]. Fis-seduta tal-Qorti Kriminali fl-atti tal-att ta' akkuża 7/2019 tal-4 ta' Ottubru 2022, il-ġuri ġie differit għall-ġurnata tal-14 ta' Ottubru 2022[10].

44. Din il-Qorti rat li l-avukati tal-Għajnuna Legali xehdu li ma kellhomx biżżejjed żmien sabiex iduru l-atti relatati mal-Att ta' Akkuża 7/2019[11]. Madankollu kif osservat sew il-Qorti Kriminali, wara li ġew appuntati l-avukati ta' għajnuna legali, r-rikorrenti ġew mogħtija erbgħin ġurnata oħra sakemm fl-aħħar beda l-ġuri. Fuq kollox u kif qieset il-Qorti Kriminali fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Ottubru 2022, diġà aċċennat mill-Ewwel Qorti:

> *"..Il-Qorti semgħet il-preokkupazzjoni tal-avukati difensuri tal-akkużati maħtura minnha bħala avukat tal-għajnuna legali u tirrileva illi l-liġi stess timponi terminu li fih l-akkużat huwa mogħti dritt jipprepara id-difiża tiegħu, liema perjodu ta' żmien huwa dak ta' għoxrin (20) jum. Li l-Qorti tista' għal raġuni valida testendi, li l-Qorti fil-fatt estendiet it-*

[6] *Fol.* 110 u 111.
[7] *Fol.* 81.
[8] *Fol.* 116 u 117.
[9] *Fol*. 116 u 117.
[10] *Fol.* 121 u 122.
[11] *Fol.* 80 *et seq.* u *Fol.* 93 *et seq.*

*terminu mogħti mil-liġi b'iktar mid-doppju taż-żmien konċess sabiex b'hekk hija l-fehma tal-Qorti li dan il-ġuri, li ilu appuntat għas-smiegħ sa mill-bidu ta' Lulju ta' din is-sena, kien mogħti għalhekk perjodu ta' żmien twil lill-akkużati biex iħejju d-difiża tagħhom. Mhux biss, iżda l-akkużati stess meta riskontraw diffikulta' minħabba l-avukat difensur tagħhom, li kien qed jippatroċinahom, irrinunzja għall-patroċinju tagħhom lejliet iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, il-Qorti reġgħet ikkonċediet iktar żmien lill-akkużati sabiex ifittxu jinkarigaw avukat ta' fiduċja tagħhom, li kienu l-akkużati stess illi nfurmaw lill-Qorti li qed jirriskontraw diffikulta' billi ma setgħux isibu avukat ta' fiduċja tagħhom li kien lest li jassistihom.*

*Il-Qorti għalhekk sabiet ruħha b'idejja marbutin u setgħet tagħmel dak biss illi l-liġi tagħtieha biex tagħmel u ċioe li f'ċirkostanzi li persuna akkużat ma tistax tikseb difiza permezz ta' avukat li jassistieha taħta hija stess avukat tal-għajnuna legali biex jipprovdi difiża adekwata lill-akkużati.*

*Kif ingħad wara li seħħ dan, il-Qorti kkonċediet iktar żmien lill-avukati tal-għajnuna legali biex ikunu jistgħu iħejju d-difiża tagħhom illi dan iż-żmien kien wieħed raġonevoli li fih l-avukati nominati setgħu jieħdu konjizzjoni tal-atti u jħejju difiża sabiex ikun jista' jiġi ċelebrat il-ġuri u għalhekk il-qorti qeda tidderieġi lilha v tal-għajnuna legali sabiex ikomplu jassistu lill-akkużati fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-ġuri u fl-eventwalita' li dan l-ilmnent tagħhom ventilat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jiġi milqugħ il-Qorti qegħda tiddikjara li se tieqaf minnufih milli tkompli bis-smiegħ tal-ġuri...[12]".*

45. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti tqis li l-mertu ġie eżawrit nhar l-14 ta' Ottubru 2022 meta r-rikorrenti rreġistraw ammissjoni u laħqu patteġġjament mal-prosekuzzjoni:

*"Dr Simon Micallef Stafrace u Dr Martin Farrugia għall-akkużati qed jiddikjaraw illi l-akkużati biddlu l-pożizzjoni tagħkom b'dikjarazzjoni magħmula minnhom dalgħodu u jixtiequ jwieġbu li huma ħatja tal-akkużi lilhom addebitati. Minħabba l-kundizzjoni ta' saħħa medika tal-akkużat, Alfred Degiorgio, il-Qorti ħatret lil Dr Mario Scerri u l-psikjatra, Dr Beppe Micallef Trigona sabiex jeżaminaw liż-żewġ akkużati bil-għan li jiġi determinat jekk huma mhumiex qed jifhmu l-import tad-dikjarazzjoni minnhom magħmula. Il-Qorti hija nfurmata li l-esperti diġa eżaminaw lill-akkużati u huma f'pożizzjoni li jgħixu u jsegwu l-ġuri.*

*Xehed Dr Mario Scerri bil-Malti u bil-ġurament tiegħu.*

---

[12] *Fol.* 174.

*Xehed Dr Beppe Micallef Trigona bil-Malti u bil-ġurament tiegħu.*

*L-akkużat George Degiorgio mistoqsi mill-Qorti qed iwieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fl-att tal-akkuża.*

*L-akkużat Alfred Degiorgio mistoqsi mill-Qorti qed iwieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fl-att tal-akkuża.*

*Il-Qorti fehment liż-żewġ akkużati bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħhom u fehmithom illi din l-ammissjoni minnhom reġistrati tista ġġorr magħha il-piena ta' priġunerija għal għomor u tathom żmien għalhekk biex jaħsbuha mill-ġdid u wara li tathom ftit taż-żmien reġgħet saqsiet l-istess mistoqsija lill-akkużati u gua baqgħu itennu l-ammissjoni tagħhom.*[13]"

46. Ir-rikorrenti jittantaw jgħidu li huma rreġistraw ammissjoni għaliex "ma kellhomx biżżejjed ħin jiddefendu lilhom infushom". Jgħidu li l-avukat tal-Għajnuna Legali nformahom li huma kienu sejrin għat-telfa jekk ikomplu bil-ġuri u li l-għażla l-oħra kienet li titressaq ammissjoni u dan skont ix-xhieda tar-rikorrenti George Degiorgio.[14] Din il-Qorti ma tqisx kredibbli l-argument li r-rikorrenti daħħlu ammissjoni u ppatteġġjaw bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' żmien adegwat, kif allegat mir-rikorrenti meta kienu qed isostnu l-innoċenza tagħhom. Ma hemmx prova dwar dak allegat minnhom fuq dak li qalulhom l-avukati tal-għajnuna legali u fl-ebda ħin ma sostnew dak li qed jgħidu issa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u meta ammettew għall-akkużi tant serji kontrihom.

47. Issir referenza għall-kawża tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gäfgen v. Germany**[15], fejn il-Qorti, f'kawża li

[13] *Fol.* 173 *et seq.*
[14] *Fol.* 215 *et seq.*
[15] Application no. 22978/05 deċiż b'mod finali nhar l-1 ta' Ġunju 2010.

tikkonċerna persuna akkużata bi qtil doppju u li ġiet mogħtija wkoll avukat tal-għajnuna legali (għalkemm kienet tikkonċerna wkoll l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea), qalet :

> *"183. Moreover, the applicant, who was represented by defence counsel, stressed in his statements on the second day and at the end of the trial that he was confessing freely out of remorse and in order to take responsibility for his offence despite the events of 1 October 2002 (see paragraph 32 above). He did so notwithstanding the fact that he had previously failed in his attempt to have the impugned real evidence excluded. There is no reason, therefore, for the Court to assume that the applicant did not tell the truth and would not have confessed if the Regional Court had decided at the outset of the trial to exclude the impugned real evidence and that his confession should thus be regarded as a consequence of measures which extinguished the essence of his defence rights.* ***(emfażi miżjuda)"***

48. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

**Decide**

49. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu, spejjeż a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da